MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 38/2008

Avviz Numru 38/2008

Costantino u Maria konjugi Cassar

vs

Joseph Vella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Peress illi l-atturi kienu selfu *brevi manu* lill-konvenut l-ammont ta' erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmi (€4,658.74) pari ghal elfejn lira Maltin (Lm2,000) f'munita antika.

Peress illi f'Lulju 2008, il-konvenut kien hallas l-ahhar pagament ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmi (€232.93), u dana peress illi meta gie nterpellat ufficjalment minn Jannar 2008 sa Lulju 2008, huwa hallas

mitejn u tnejn u tletin Euro u tlieta u disghin centezmi (€232.93) kull xahar fl-ammont totali ta’ elf sitt mija u tletin Euro u sitta u hamsin centezmi (€1630.56).

Peress illi ghalhekk baqa’ bilanc ta’ tlett elef tmienja u ghoxrin Euro u tmintax il-centezmi (€3,028.18).

Peress illi l-intimat baqa’ inadempjenti f’dan il-hlas tal-bilanc minnu dovut.

Jghid ghaliex m’ghandux jigi kkundannat jirrestitwixxi lill-atturi l-ammont bilancjali ta’ tlett elef u tmienja u ghoxrin Euro u tmintax il-centezmi (€3028.18) mislufa lilu *brevi manu*.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali maghmula a tenur tal-artikolu 1664 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ittra numru 808/2007, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-ewwel (1) ta’ Dicembru 2005, meta gew mitluba lura dawn il-flus.’

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fis-16 ta’ Jannar 2009, la deher u lanqas baqa’ ma pprezentat r-risposta.

Fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2008, sama’ lill-attur li kkonferma bil-gurament li hu u martu kienu silfu lill-konvenut is-somma ta’ flus imsemmija fl-avviz tat-talba ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000), illum ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Euro u erba’ u sebghin centezmi (€4,658.74), li minnhom fadlilhom jigbru lura minghandu l-bilanc ta’ tliet elef u tmienja u ghoxrin Euro u tmintax il-centezmi (€3,028.18), u li l-konvenut kien baqa’ ma hallasx minkejja diversi promessi ta’ hlas lill-attur.

Fl-udjenza tat-12 ta’ Frar 2009, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tad-19 ta’ Frar 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi

skond il-ligi, u baqa’ ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra n-nota tal-atturi tat-3 ta’ Marzu 2009, fejn fil-frattemp il-konvenut kien lahaq hallas lura lill-atturi l-bilanc tas-self, u l-meritu gie cedut, pero’ l-atturi zammew ferm it-talba taghhom dwar il-kap tal-ispejjez.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u 223(1) tal-Kap.12.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut Joseph Vella sabiex ihallas lill-atturi l-ispejjez kollha konnessi mat-talba taghhom, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali numru 808/2007 spedita kontra tieghu fil-31 ta’ Ottubru 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------